MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 588/2003

**Avviz Nru. 588/03 GG**

**Emanuel Vassallo**
**vs**
**D.M. Development Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal hlas tas-"somma ta' erbat elef, seba mija u tlieta u tletin lira maltin (LM4733) rapprezentanti arrikament indebitu favur tieghek wara li konvenju datat 19 ta' Jannar 1998 redatt quddiem n-Nutar Mark Coppini bejnek u bejn l-attur wara li gie mgedded diversi drabi issa skada w int qieghed tirrifjuta li ggedded jew taddivjeni ghall-kuntratt finali, u ghalhekk l-hlas ta' kuntratt ta' appalt li gie esegwit fuq inkarigu tieghek illum huwa dovut fi flus kontanti flok permezz ta' permuta kif kien originarjament mahsub u miftiehem li jsir, kif ukoll thallas l-imghax legali dekoribbli mid-data tal-konvenju

sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali datata 13 ta' Ottubru 2003, tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi li qed jigi intavolat kontestwalment, u bis-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti mhix il-ligittima kontradittrici ghat-talbiet attrici u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante illi x-xogholijiet kollha effettwati mill-attur gew effettwati fl-interess tas-socjeta' RC Constructions Limited u mhux fl-interess ta' l-eccipjenti;
2. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghal-premess, il-konvenju citat mill-attur skada minghajr ma l-istess attur ha l-mizuri necessarji sabiex igedded jew jenforza l-istess, u kwindi l-attur m'ghandu l-ebda dritt ghall-pagament, kif minnu pretiz;
3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, effettivament l-attur baqa' qatt ma ghamel ix-xoghol kollu skond l-obbligazzjoni minnu assunta fil-konvenju de quo u effettivament fadal bilanc ta' xogholijiet fl-ammont ta' elfejn mitejn u sitta u sebghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2276.15) xi jsiru mill-attur ai termini ta' l-istess konvenju, u kwindi certament illi ma hemm l-ebda pretensjoni valida da parti ta' l-attur kif pretiz f'dawn il-proceduri, u dan skond kif jsita' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur xehed illi huwa ghamel xoghol ta' tqattih ta' blat f'diversi inhawi fuq ordni ta' Raymond Micallef ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Il-prezz tax-xoghol kien miftiehem bil-jarda kubu u gieli bil-gurnata u b'kollox fl-ammont mitlub fl-avviz. L-attur talab hlas tax-xoghol tieghu lis-

socjeta' konvenuta izda dan qatt ma sar u fl-ahhar Raymond Micallef iprometta l-hlas billi jitrasferixxi garage fuq isem l-attur. In sostenn ta' dan l-attur esebixxa kopja ta' konvenju datat 19 ta' Jannar 1998 Dok EV1 bejnu u s-socjeta' D.M. Development Limited fejn din tal-ahhar ippromettiet it-trasferiment ta' tlett garages kif hemm diskritti u dan ghall-prezz ta' Lm14,200 bil-kondizzjonijiet kif hemm deskritti. Fl-istess konvenju huwa indikat illi l-prezz patwit ghandu jkun kompensat permezz ta' xogholijiet li ghandhom isiru mill-kumprturi fuq inkarigu tal-vendituri.

In-Nutar Pubbliku li rrediga l-konvenju bejn il-partijiet ikkonferma l-awtenticita' tal-istess kif ukoll illi dan il-konvenju ma ggeddidx aktar wara li kien hekk imgedded f'zewg okkazzjonijiet precedenti u dan peress illi is-socjeta' konvenuta ma iffirmatx ghal estensjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li din mhix il-legittimu kontradittur ma kienex pruvata mill-istess socjeta meta l-oneru tal-prova kien jinkombi biss lilha. Is-socjeta' konvenuta inghatat il-fakolta li tipprezenta l-provi taghha permezz ta' affidavit izda iddekadiet mit-terminu lilha prefiss f'zewg okkazzjonijiet u ghalhekk din il-prova baqghet ma saritx. Minkejja li dan ma jfissirx li b'mod awtomatiku l-attur ipprova il-kaz tieghu, huwa esebixxa konvenju li juri li l-weghda ta' trasferiment saret mis-socjeta' konvenuta;

Illi t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax' tintlaqa minn din il-Qorti ghaliex minkejja li s-socjeta' konvenuta ma kienitx interpellata biex taddivjeni ghal-publikazzjoni tal-kuntratt finali kif rikjest mil-ligi, dan ma jfissirx illi l-partijiet jkunu tilfu l-beneficcju tar-rifuzzjoni ta' certi drittijiet bhal depozitu akkont tal-prezz u hwejjeg ohra sakemm ma jkunx miftiehem mod iehor fl-istess konvenju. Fil-kaz in dizamina jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta ma rieditx aktar iggedded dan il-konvenju u l-attur ghazel illi ma jinterpellax lill-istess biex taddivjeni ghall-publikazzjoni tal-att finali;

Illi it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija wahda li teffettwa l-mertu izda ghall-istess ragunijiet kif fuq esposti, il-prova minnha qatt ma saret;

Illi fil-mertu, il-konvenju esebit Dok EV1 pjuttost ma jirrispekjax dak allegat mill-attur sia fit-talba kif ukoll fix-xhieda tieghu billi mill-prezz tal-garages ma hemm xejn x'jindika li parti minnu, u cioe' s-somma mitluba fl-avviz, kienet gia thallset. Minekjja dan izda, l-attur ikkonferma t-talba tieghu bil-gurament u spjega r-ragunijiet li waslu ghan-nuqqas ta' hlas tax-xoghol tieghu prestat lis-socjeta' konvenuta;

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil-attur s-somma mitluba ta' erbat elef, seba mija u tlieta u tletin lira maltin (LM4733) oltre l-imghax legali mid-19 ta' Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------